

**Brussell, 21 ta' Marzu 2017
(OR. en)**

6851/17

Fajls Interistituzzjonali:

**2016/0131 (COD)
2016/0132 (COD)
2016/0133 (COD)
2016/0222 (COD)
2016/0223 (COD)
2016/0224 (COD)
2016/0225 (COD)**

**ASILE 9
ASIM 19
CSC 55
EURODAC 7
ENFOPOL 95
RELEX 194
CODEC 298**

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: 8715/1/16 REV 1 ASILE 11 CODEC 613
11318/1/16 REV 1 ASILE 28 CODEC 1078
11316/16 ASILE 26 CODEC 1076 + ADD 1
11317/16 ASILE 27 CODEC 1077 + ADD 1 + ADD 2
8765/1/16 REV 1 ASILE 13 EURODAC 3 ENFOPOL 132 CODEC 630
8742/16 ASILE 12 CODEC 619
11313/16 ASIM 107 RELEX 650 COMIX 534 CODEC 1073

Suġġett:

Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni

- **Dublin:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (L-ewwel qari)
 - **Kondizzjonijiet ta' akkoljenza:** Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (L-ewwel qari)
 - **Kwalifika:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun residenti fit-tul (L-ewwel qari)
 - **Proċedura:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (L-ewwel qari)
 - **Eurodac:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed ttrissjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)
 - **EASO:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (L-ewwel qari)
 - **Qafas ta' Risistemazzjoni:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L-ewwel qari)
- = Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Fl-4 ta' Mejju 2016, fil-qafas tar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), il-Kummissjoni adottat tliet proposti leġislattivi jgħifieri r-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u tar-Regolament EUODAC kif ukoll proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA). Barra minn hekk, fit-13 ta' Lulju 2016, sabiex tkompli r-riforma tas-SEKA, il-Kummissjoni adottat it-tieni pakkett magħmul minn proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni fl-UE li tissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, proposta għal Regolament dwar il-Kwalifika li jissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Kwalifika u r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza. Barra minn hekk, għet ippreżentata wkoll proposta għal Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.

Il-Presidenza Maltija eżaminat il-proposti msemmija hawn fuq, li nbdew mill-Presidenza Slovakkja. Ir-riżultat ta' dik il-ħidma tista' tiġi deskritta fil-qosor kif ġej:

II. APPROĊĊ TEMATIKU

Fid-dawl tal-fatt li xi wħud mill-kwistjonijiet inklużi fil-proposti għar-Regolament dwar il-Kwalifika, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil, id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza u r-Regolament ta' Dublin huma interrelatati, il-Presidenza ddeċidiet li tadotta approċċ tematiku, li permezz tiegħu ċerti artikoli li jidhru f'dawn l-erba' proposti ġew eżaminati flimkien. Dan l-approċċ intuża għall-eżami ta' tliet temi orizzontali speċifiċi:

- Il-limitazzjoni tal-abbuż u l-movimenti sekondarji;
- Id-drittijiet soċjoekonomiċi tal-persuni li jfittxu asil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;
- Il-garanziji ta' dawk bi bżonnijiet speċjali.

Dan ippermetta lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil jindirizza l-punti ewlenin ta' tħassib b'mod ġenerali u jaħdem lejn kompromess finali li jkun ibbilanċjat kif suppost.

III. IR-REGOLAMENT TA' DUBLIN

Kif mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2016, u abbażi tal-isforzi tal-Presidenza Slovakka, il-Presidenza Maltija kompliet il-proċess bil-għan li jintlaħaq kompromess dwar l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji tar-responsabbiltà u s-solidarjetà bit-tweqqif ta' konsultazzjonijiet informali mal-Istati Membri. L-eżami tal-proposta mill-korpi preparatorji tal-Kunsill mistenni jissokta wara li tingħata xi gwida addizzjonali mil-livell politiku fuq triq possibbli 'l quddiem. Sadanittant, xi artikoli mir-Regolament ta' Dublin ġew eżaminati fil-qafas tal-approċċ tematiku, kif deskritt hawn fuq.

IV. ID-DIRETTIVA DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' AKKOLJENZA

Sar l-ewwel eżami tal-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil waqt il-Presidenza Slovakka. Diversi artikoli minn din id-Direttiva ġew eżaminati fil-qafas tal-approċċ tematiku msemmi hawn fuq, u ġie diskuss test rivedut fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil fis-16 ta' Marzu.

Id-diskussjoni tal-proposti ta' kompromess tal-Presidenza wriet konverġenza sinifikanti fuq ħafna aspetti tal-proposta. Madankollu, xi elementi importanti għadhom jeħtieġu aktar diskussjoni, partikolarment id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess tal-applikanti għall-asil għas-suq tax-xogħol, kif ukoll miżuri bil-għan li jipprevjenu l-movimenti sekondarji, inkluż l-assenjament ta' residenza, id-detenzjoni u t-tnaqqis u l-irtirar ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali. Barra minn hekk, il-progress f'għadd ta' kwistjonijiet pendenti jiddependi mill-progress li jsir fin-negozjati ta' proposti oħrajn dwar is-SEKA, partikolarment ir-Regolament ta' Dublin u r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil.

V. IR-REGOLAMENT DWAR IL-KWALIFIKA

It-test tal-proposta għal Regolament dwar il-Kwalifika u, sussegwentement, abbozzi ta' proposti ta' kompromess ġew diskussi f'ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil. B'mod parallel, ġew diskussi wkoll ċerti artikoli fil-qafas tal-approċċ tematiku.

Xi kwistjonijiet jeħtieġu dibattitu aktar approfondit b'mod partikolari: ir-rwol tal-gwardjan bil-ħsieb ta' dispożizzjonijiet simili fi proposti oħra tal-pakkett tas-SEKA; il-perijodu ta' tliet xhur wara l-irtirar tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja/ta' refuġjat li matulu persuna jkollha l-permess tibqa' fl-Istat Membru li jagħtiha protezzjoni; in-natura obbligatorja tar-rieżami tal-istatus u tal-klawżola tar-ripatrijazzjoni; l-użu ta' informazzjoni li tasal minn Stat Membru ieħor għall-valutazzjoni tat-theddida potenzjali ta' applikant għas-sigurtà jew il-komunità tal-Istat Membru li jkun fih; u l-aħjar mod li bih tiġi riflessa l-aktar każistika reċenti fir-rigward ta' raġunijiet marbuta ma' terroriżmu li jeskludu persuna mill-istatus ta' refuġjat.

Kien hemm żewġ kwistjonijiet oħra partikolarment sensittivi li jirrikjedu aktar diskussjoni: il-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza li jinħareġ lill-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjat u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja kif ukoll il-kontenut u d-definizzjoni tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali (id-druttijiet u l-benefiċċji li jistgħu jingħataw lill-benefiċjarji). Peress li l-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza u d-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali jitqiesu minn xi Stati Membri bħala tnejn mill-fatturi ewlenin li jwasslu għal movimenti sekondarji u shopping għal asil, l-armonizzazzjoni tagħhom hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-proposti tal-Kummissjoni.

Id-diskussjonijiet li saru fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma u fil-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) dwar il-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza għar-refuġjati u l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja enfasizzaw il-fatt li attwalment is-soluzzjonijiet legali adottati mill-Istati Membri f'dan il-qasam ivarjaw ħafna u għalhekk hemm bżonn ta' aktar riflessjoni u diskussjonijiet addizzjonali sabiex tiġi identifikata l-aħjar triq 'il quddiem.

VI. IR-REGOLAMENT DWAR IL-PROĊEDURA

Kompla l-eżami tal-proposta għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil u ġew diskussi l-abbozzi ta' proposti ta' kompromess għal dawk l-artikoli inklużi fil-qafas tal-approċċ tematiku. Id-dispożizzjonijiet b'rabta mal-applikanti bi bżonnijiet speċjali (minorenni mhux akkumpanjati u tutela, eżami mediku, applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati) kienu partikolarment diffiċli f'termini ta' kontenut, koordinazzjoni u koerenza ma' dispożizzjonijiet simili fi proposti oħra tal-pakkett. B'hekk, id-delegazzjonijiet enfasizzaw bżonn ġenerali li jiġu ssimplifikati aħjar il-proċeduri, il-perijodu ta' żmien, ir-rwoli u l-kompiti previsti fil-proposti differenti. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet esprimew tħassib rigward ċerti dispożizzjonijiet bl-għan li jillimitaw il-movimenti sekondarji li fl-opinjoni tagħhom naqsu milli jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-ġlieda tal-abbuż u l-ġħoti tal-protezzjoni meta jkun meħtieġ.

VII. REGOLAMENT EURODAC

Wara l-ftehim dwar l-approċċ ġenerali parzjali f'Diċembru 2016, il-Kunsill issa qed jistenna l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jibda n-negozjati dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament¹. Abbażi tal-valutazzjonijiet minn eu-LISA dwar l-inklużjoni ta' kopji bil-kulur ta' dokumenti tal-ivvjaġġar fil-bażi tad-data, kif ukoll dwar il-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jfittxu fil-EURODAC billi jużaw data alfanumerika, il-korpi preparatorji tal-Kunsill ser iqisu l-estensjoni possibbli tal-mandat għan-negozjati dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet, li ma ġewx inklużi fl-approċċ ġenerali parzjali. Barra minn hekk, il-Presidenza dalwaqt beħsiebha tibda diskussjonijiet dwar l-inklużjoni possibbli f'din il-proposta tad-data dwar il-persuni risistemati.

¹ Fit-30 ta' Marzu 2017, huwa previst b'mod proviżorju vot dwar l-abbozz ta' rapport fil-Kumitat LIBE.

VIII. REGOLAMENT EUAA

Wara l-ftehim dwar approċċ ġenerali parzjali fil-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Presidenza bdiet negozjati mal-Parlament Ewropew f'Jannar 2017. Sal-lum, saru żewġ trilogi informali, fis-7 ta' Frar u fit-8 ta' Marzu. It-tielet wieħed huwa skedat għall-21 ta' Marzu. Bi tnejn għal dawn it-trilogi informali, saru diversi laqgħat tekniċi. Fil-qafas tal-Kunsill, il-Presidenza organizzat għadd ta' laqgħat tal-Kunsilliera ĠAI biex tiġbor il-fehmiet tal-Istati Membri dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew kif ukoll dwar is-suġġerimenti ta' kompromess possibbli.

Waq t l-ewwel trilogu, il-Presidenza u r-Relatur tal-Parlament Ewropew għamlu preżentazzjoni ġenerali tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-"Monitoraġġ", "l-Organizzazzjoni tal-Aġenzija", u l-"Assistenza Operazzjonali u Teknika". In-negozjaturi kellhom ukoll diskussjoni aktar approfondita dwar l-Artikolu 1 (*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*) u 2 (*Kompiti tal-Aġenzija*).

Minn dawn id-diskussjonijiet, jidher li l-Parlament jagħti importanza kbira lir-rwol konsiderevolment imsahħ u aktar indipendenti tal-Aġenzija filwaqt li l-Kunsill jenfasizza aktar fuq l-importanza ta' relazzjoni kooperattiva tajba bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri kif ukoll l-appoġġ li l-Aġenzija tipprovdi lhom fit-twettiq tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-acquis tal-UE dwar l-asil. Barra minn hekk, intlaħaq qbil dwar xi testi abbozzati fil-livell tekniku permezz ta' referendum min-negozjaturi.

Waq t it-tieni trilogu, in-negozjaturi kellhom diskussjoni approfondita dwar l-"Assistenza Operazzjonali u Teknika", li kompliet fil-livell tekniku. In-negozjaturi ppreżentaw ukoll il-fehmiet tagħhom dwar l-Artikolu 22 rigward il-persjoni sproporzjonata fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza. Wara dik il-preżentazzjoni, intlaħaq qbil li dan l-artikolu partikolari jiġi diskuss fil-kuntest tar-rwol ta' monitoraġġ tal-Aġenzija.

Il-Presidenza u l-Parlament Ewropew ippjanaw diversi laqgħat tekniċi għall-futur qarib bil-għan li jsir kemm jista' jkun progress f'dan il-fajl qabel l-aħħar ta' Ġunju. Barra minn hekk, il-Presidenza kellha għadd ta' laqgħat bilaterali mal-Istati Membri fir-rigward tal-impenji tagħhom fir-rigward tal-grupp ta' riżerva għall-asil sabiex tintlaħaq il-mira ta' minimu ta' 500 espert stabbilita fl-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill.

IX. IR-REGOLAMENT DWAR IR-RISISTEMAZZJONI

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil iffinalizza l-ewwel eżami dettaljat artikolu wara artikolu tal-proposta fir-rigward tal-istabbiliment ta' Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni tas-17 ta' Jannar 2017. Fit-2 ta' Marzu 2017 sar it-tieni ċiklu ta' eżami tal-proposta, li kien fih xi suġġerimenti għall-kompromess tal-Presidenza. Test emendat ieħor huwa skedat biex jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil fl-4-5 ta' April 2017.

Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-oġettivi tal-proposta waqt id-diskussjonijiet, iżda għad hemm xi riżervi ta' skrutinju dwar it-test. It-tfassib ewlieni li tqajjem mill-Istati Membri s'issa jinkludi l-bżonn li tiġi ddikjarata biċ-ċar in-natura volontarja tar-risistemazzjoni fir-Regolament; id-definizzjoni tar-risistemazzjoni u l-possibbiltà li jiġu inklużi forom oħra ta' ammissjoni umanitarja; l-inklużjoni tal-Persuni Spostati Internament (IDP) fl-ambitu tal-proposta; il-kriterji ta' ammissibbiltà u l-proċedura li ser jintużaw fir-risistemazzjoni. Diversi delegazzjonijiet esprimew xi tħassib dwar il-prerogattivi proposti tal-Kummissjoni biex jiġu adottati atti delegati li jissupplimentaw xi wħud mill-elementi tal-proċedura.

X. KONKLUŻJONI

Il-COREPER u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.
